# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 8 TA' MEJJU, 2002

**Avviz Nru: 1279/01 AJD**

**Silvio Briffa**

**vs**

**Alex Montanaro f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' World Sports Café Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1495.28) rapprezentanti xoghol u 'leave' li l-attur ippresta lis-socjeta' konvenuta, meta l-attur kien impjegat mal-istess socjeta' konvenuta, ghas-sena 1999 u ghas-sena 2000, fuq inkarigu tal-istess socjeta' konvenuta u kif miftiehem bejn il-partijiet.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 14 ta' April, 2001, u bl-imghax legali mid-data ta' meta kellu jsir il-hlas lura, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet illi:-
1. Alexander Montanaro ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stante illi kif jidher mit-talba stess qatt ma kellu relazzjoni ma' l-attur.

2. It-talba jew parti minnha hija preskritta.
3. L-attur stess naqas milli jivvantaggja ruhhu mill-vaganzi dovuti lilu u qatt ma nzamm milli jaghmel dan mill-konvenuti – skond il-kuntratt ta' l-impieg tieghu ma kellux dritt jipposponi l-vaganzi.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Pierre Camilleri, Joseph Debono, Alex Montanaro u John Bason. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:
1. Illi mill-kuntratt ta' impjieg esibit a. fol 9 et seq tal-process, jirrizulta li fit-12 ta' April, 1999, l-attur gie impjegat bhala Deputy Manager mas-socjeta' konvenuta.

2. Illi dan il-ftehim sar bejn l-attur u s-socjeta' World Sports Café Limited u Alex Montanaro ffirma dan il-ftehim biss fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Jidher ghalhekk li l-konvenut Alex Montanaro f'ismu proprju ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-ammont mitlub mill-attur fil-kawza odjerna huwa ghall-19 il-gurnata 'vacation leave' li huwa ma uzufruwiex minnhom fl-1999 u 29 gurnata fis-sena 2000.

4. Illi mill-kuntratt ta' impjieg in kwistjoni u precizament minn klawzola numru 3 jirrizulta li "the employee shall not be entitled to carry forward any leave entitlement not utilised or receive payment therefor unless the said entitlement was not utilised due to company exigencies previously notified to the employee".

5. Illi din il-klawzola tal-ftehim hija cara u inekwivoka u ma taghti lok ghall-ebda interpretazzjoni. L-attur izda jsostni li fil-laqghat tal-'management' li kienu jsiru fuq bazi regolari kien gie miftiehem li l-'leave' li ma kienx ittiehed mill-impjegati seta' jigi trasferit ghas-sena ta' wara.

6. Illi huwa principju stabbilit li sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-impjegat u min jimpjega fis-sens illi l-'leave' li impjegat ma jilhaqx jutilizza f'sena lavorattiva jizdied mas-sena ta' wara, l-impjegat jitqies bhala li rrinunzja ghal dawk il-granet ta' 'leave' li ma jkunx ha sal-ahhar tas-sena.

7. Illi l-attur in sostenn tal-allegazzjoni li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li l-'leave' li ma ttiehidx kellu jigi trasferit ghas-sena ta' wara,

ressaq bhala xhieda lil Pierre Camilleri u lil Joseph Debono, zewg ex-impjegati tas-socjeta' attrici. Ghalkemm it-tnejn isostnu li kien hemm ftehim verbali bejn il-'management' u s-socjeta' konvenuta fis-sens li l-'leave' jigi 'carried forward', it-Tribunal jidhirlu li x-xhieda taghhom m'hijiex ghal kollox kredibbli principalment ghaliex hadd minnhom ma rritjena li kellu dritt jithallas ghall-granet tal-'leave' li ma kienx utilizza fis-sena ta' qabel fil-mument li gie tterminat l-impjieg taghhom. Inoltre, Joseph Debono filwaqt li jaghmel riferenza ghall-laqgha fejn kien prezenti flimkiem mal-attur, John Bason u Alex Montanaro u fejn gie miftiehem li l-'leave' li ma jittiehidx mill-'managers' jigi trasferit, jghid ukoll "Nixtieq nghid izda li d-decizjoni niddefiniha bhala wahda vaga fis-sens illi Alex Montanaro u l-'financial controller' John Bason, kienu tkellmu fis-sens illi l-'leave' li ma jittiehidx, jittiehed meta x-xoghol ikun naqas".

8. Illi inoltre t-Tribunal jaghmel riferenza ghall-'internal memorandum' mibghut mill-attur lil Alex Montanaro (a fol. 29) u datat 8 ta' Settembru, 2000, intitolat 'Management annual leave' fejn l-attur jghid "We have been trying to tackle the issue in many management meetings but somehow we always seem to end up with no solution". Fir-risposta ghal dan il-'memorandum' (a fol. 46), Alex Montanaro jghid "As you well know, the day to day management of the company has always been entrusted in the hands of general managers and the kitchen manager. It was your prerogative to control and manage the situation concerning annual leave in the best interest of the company and to allocate annual leave entitlements accordingly". Dan kollu jindika li kien hemm hafna diskussjonijiet tul il-laqghat tal-'management' dwar x'kellu jsir mill-'leave' li ma jittiehidx mill-'management', izda s-socjeta' konvenuta qatt ma impenjat ruhha li tittrasferixxi l-'leave' li ma jittiehidx ghas-snin ta' wara.

9. Illi l-attur esebixxa zewg applikazzjonijiet ghall-'leave', liema applikazzjonijiet huma ffirmati minn Alex Montanaro (a fol. 13 u 14) fejn hemm indikat l-ammont ta' 'leave' li l-attur kien ghadu intitolat ghalih. L-attur isotni li dan huwa prova li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li l-'leave' jigi trasferit. Alex Montanaro fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Marzu, 2002, isostni li l-firma tieghu fuq din il-formola kienet tikkostitwixxi biss awtorizzazzjoni lill-attur sabiex jiehu l-gurnata 'leave' li ghaliha kien applika. M'huwiex kontestat li dawn iz-zewg formoli ntlew mill-attur u ma gewx rilaxxjati mis-socjeta' konvenuta.

10. Illi fil-fehma tat-Tribunal, l-attur ma rnexxilux jipprova soddisfacentement li kien hemm ftehim verbali li b'xi mod irrevoka dak stipulat fl-Artikolu 3 tal-kuntratt ta' impjieg tal-attur fis-sens illi l-'leave' ma jistax jigi trasferit ghas-snin ta' wara.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**